



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 9 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

8096/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0064 (NLE)

TRANS 217
COWEB 65
ELARG 40

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport rigward ċerti materji amministrattivi u tal-persunal u rigward l-istabbiliment ta' regoli finanzjarji għall-Komunità tat-Trasport

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2020/...

ta'

**dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali tal-Komunità tat-Trasport
rigward ċerti materji amministrattivi u tal-persunal u rigward l-istabbiliment
ta' regoli finanzjarji għall-Komunità tat-Trasport**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) It-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (“it-TCT”) ġie ffirmat mill-Unjoni f’konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937¹. Dan ġie approvat f’isem l-Unjoni fl-4 ta’ Marzu 2019 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392² u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Mejju 2019.
- (2) Il-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali ġie stabbilit mit-TCT għall-amministrazzjoni u l-implimentazzjoni tal-TCT. It-TCT jirrikjedi li l-Kumitat ta’ Tmexxija Reġjonali jadotta regoli dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-persunal tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport, kif ukoll deċiżjoni li tispjega l-proċedura għall-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/1937 tal-11 ta’ Lulju 2017 dwar l-iffirmar, f’isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 278, 27.10.2017, p. 1).

² Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/392 tal-4 ta’ Marzu 2019 dwar il-konklużjoni, f’isem l-Unjoni Ewropea, tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport (ĠU L 71, 13.3.2019, p. 1)..

- (3) Il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali għandu jadotta dalwaqt deċiżjonijiet dwar ir-regoli tal-ivvjaġġar għall-persunal tal-Komunità tat-Trasport, dwar ir-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni esterni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistednin jattendu laqgħat f'kapasità ta' esperti u dwar ir-regoli finanzjarji u l-proċeduri ta' awditjar aplikabbli għall-Komunità tat-Trasport.
- (4) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali, peress li tali deċiżjonijiet huma meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport u ser ikunu vinkolanti fuq l-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali stabbilit mit-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità tat-Trasport fir-rigward tar-regoli tal-ivjaġġar għall-persunal tal-Komunità tat-Trasport, ir-regoli dwar ir-rimborż tal-ispejjeż imġarrba minn persuni esterni għas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport li jkunu mistednin jattendu laqgħat f'kapaċità ta' esperti u r-regoli finanzjarji u l-proċeduri ta' awditjar aplikabbli għall-Komunità tat-Trasport għandha tiġi bbażata fuq l-abbozzi ta' deċiżjonijiet korrispondenti tal-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali¹.

Jista' jintlaħaq qbil mir-rappreżentanti tal-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat ta' Tmexxija Reġjonali dwar bidliet minuri għal dak l-abbozz ta' deċiżjonijiet mingħajr ma tittieħed deċiżjoni oħra tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi,

Għall-Kunsill

Il-President

¹ Ara d-dokument ST8100/20 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.